# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 12**

**Rikors numru 309/16/1 MCH**

**Steven Micallef**

**v.**

**Avukat Ġenerali**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-attur u appell inċidentali tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju, 2018, u li tittratta dwar proċeduri li ġew mibdija mill-attur *ai termini* tal-Artikolu 22Ċ tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

***Daħla***

2. B'rikors maħluf tal-15 ta' April, 2016, l-attur spjega li huwa kien ġie mressaq il-Qorti u akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena 2007 u fix-xhur ta' qabel, fost l-oħrajn, ikkoltiva u kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *cannabis*, u r-raża meħudha mill-istess pjanta. Jgħid li permezz ta' sentenza datata 24 ta' Frar tas-sena 2016, fl-ismijiet ta' ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Steven Micallef***, il-Qorti Kriminali sabitu ħati tal-akkużi miġjuba kontrih u minbarra l-piena ta' priġunerija u l-ħlas ta' multa, ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u ta' kull flejjes jew propjetà mobbli u mmobbli oħra tiegħu.[1] Wara li fisser li b'dawn il-proċeduri huwa kien qiegħed jipprevalixxi ruħu mid-dispost tal-Artikolu 22Ċ tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attur iddikjara li huwa dejjem kellu mpjieg bi qliegħ, u li kien f'pożizzjoni li jipprova li l-kontijiet bankarji li għandu f'ismu flimkien ma' martu ma jikkontjenux flus li ġejjin minn xi reat taħt il-Kap 101. Żied wkoll li kellu polza tal-assikurazzjoni mas-soċjetà 'MSV Life', u li fir-rigward ta' din kien ukoll f'pożizzjoni li jipprova li tali polza mhijiex riżultat ta' flus li ġejjin minn xi reat taħt il-Kap. 101. Fuq is-saħħa ta' dawn il-premessi, l-attur imbagħad talab lill-Ewwel Qorti sabiex: *"jogħġobha ai termini tal-artikolu 22Ċ u 22D tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta tirrevoka l-ordni tal-*

[1] Ara 'Dok. A', (Fol. 6);

*konfiska tal-proprjetà kollha tiegħu, kemm mobbli kif ukoll immobbli, magħmula bis-saħħa ta' sentenza datata 24 ta' Frar tas-sena 2016 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Steven Micallef"*;

3. Il-konvenuti laqgħu għall-azzjoni tal-attur billi qajmu sitt eċċezzjonijiet, li fil-qosor huma: (i) li l-Avukat Ġenerali għandu jiġi liberat mill-ħarsien tal-ġudizzju għax ma jgawdix mil-leġittimità passiva; (ii) li l-attur naqas milli jħares id-dispost tal-Artikolu 22Ċ(3) tal-Kap. 101 u dan għax naqas li jannetti mar-rikors maħluf id-dokumenti kollha biex jipprova l-każ tiegħu; (iii) li l-prova tal-provenjenza leċita taqa' fuq ir-rikorrent; (iv) li huwa kien qed jopponi għal dak li talab l-attur u dan għax ir-rikors kien infondat fil-fatt u fid-dritt peress li sa dak l-istadju ma nġabet l-ebda prova tal-leċità tal-provenjenza; (v) li t-talbiet tal-attur kellhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih; u (vi) fl-aħħar nett irriżervaw li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri wara li jkollhom l-opportunità li jivverifikaw il-provi dokumentarji u jikkontrollaw l-provi u x-xhieda li kienu ser ikunu qed jitressqu mill-istess attur;

4. Hekk kif il-kawża kienet għadha fl-istadju tal-provi tal-attur, u propju fit-8 ta' Ġunju, 2017, l-istess attur ressaq rikors,[2] li għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija, talab lill-Ewwel Qorti sabiex tawtorizzah jagħmel korrezzjoni fil-premessi u fit-talbiet tar-rikors promotur u dan biex jiġu

---

[2] Fol. 395.

nklużi erba’ vetturi u speċifikament: (i) Fiat Punto (IBE-289), (ii) Kia Ceres (DAH-478), (iii) Toyota Hiace (IBG-953), u (iv) Ford Anglia. Ir-rikorrent talab ukoll sabiex il-Qorti tawtorizzah iressaq ix-xhieda neċessarji rigwardanti l-istess vetturi, u dan taħt il-kundizzjonijiet li jidrilha li huma ekwi u ġusti;

5. Fid-19 ta’ Ġunju, 2017, il-konvenuti wieġbu għar-rikors imsemmi fil-paragrafu ta’ qabel dan, u għar-raġunijet mogħtija minnhom, oġġezzjonaw għal dak mitlub mill-attur;[3]

6. Waqt is-seduta miżmuma fis-26 ta’ Ġunju 2017, l-Ewwel Qorti ddeċidiet dwar ir-rikors tat-8 ta’ Ġunju, 2017, bil-mod segwenti: -

> *“Il-Qorti rat ir-rikors tal-attur tat-8/6/2017. Rat ir-risposta tal-konvenuti li opponew.*
>
> *Il-Qorti tqis li l-art 22C(1) u (2) tal-Kap 101 ma jeskludux li fil-mori tal-proceduri inizzjati skond il-ligi, r-rikorrenti huwa prekluz li jsemmi jew jitlob l-inkluzzjoni ta' proprjeta` li ma tkunx issemmiet fl-att promotur u dan ghaliex fil-kamp legali il-gustizzja trid tidher li qed issir, madankollu ghalkemm is-sentenza tal-azzjoni tibqa' li hi, il-konvenuti ghandhom jinghataw l-opportunita` u d-dritt li jirregolaw ruhhom ghall-provi li jistghu jingiebu rigward din il-proprjeta` li ma tkunx issemmiet f'att promotur izda biss fil-mori.*
>
> *Ma' dan jinghad illi din it-talba qed issir meta l-attur ghadu m'ghalaqx il-provi.*
>
> *Ghalhekk tilqa' t-talba u tordna li wara l-paragrafu numru 9 fir-rikors promotur jizdied paragrafu numru 10 b'dan il-kliem "illi l-esponenti kellu wkoll Fiat Punto numru ta' registrazzjoni IBE 289, Kia Ceres numru ta' registrazzjoni DAH 478, Toyota Hiace numru ta' registrazzjoni IBG 953 u Ford Anglia, u l-esponenti qieghed*

[3] Ara fol. 398.

> *f'pozizzjoni li jipprova li dawn il-vetturi mhux rizultat ta' flus provenjenti minn xi reat taht l-istess ordinanza*".

7. Sussegwentement, permezz ta' sentenza mogħtija fis-26 ta' Ġunju, 2018, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mbagħad iddeċidiet din il-kawża hekk:-

> *"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghar-rikorrent; u ai termini tal-artikolu 22C u 22D tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta tirrevoka l-ordni tal-konfiska tal-proprjeta tar-rikorrent maghmula bis-sahha ta' sentenza datata 24 ta' Frar tas-sena 2016 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Steven Micallef hlief ghal immobbili (garages) li ntuzaw ghall-koltivazzjoni tal-kannabis li se jibqghu ikkonfiskati. Spejjez bin-nofs bejn il-partijiet."*;

8. B'rikors ta' appell ippreżentat fis-7 ta' Awwissu, 2018, l-attur fisser li huwa ħassu parzjalment aggravat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti u dan safejn kellu x'jaqsam: (i) mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-konfiska tal-*'immobbli (garages) li ntużaw għall-koltivazzjoni tal-kannabis',* u l-apprezzament tal-provi safejn huwa relatat ma' din il-konklużjoni; u, (ii) mal-fatt li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-ispejjeż tal-kawża kellhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Fuq is-saħħa ta' dan, l-attur imbagħad talab lil din il-Qorti sabiex: *"Tirriforma s-sentenza tal-Prim' Awla (Qorti Ċivili) datata sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju, tas-sena elfejn u tmintax (2018), fl-ismijiet Steven Micallef vs. Avukat Ġenerali et. u dan billi: 1. Tikkonferma dik il-parti ta' l-istess sentenza fejn laqgħet it-talbiet kollha tal-attur, ċaħdet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u lliberat lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju, biex b'hekk ordnat illi tiġi revokata l-ordni tal-konfiska fil-konfront ta' Steven Micallef; 2. Tħassar u tirrevoka*

*dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat illi l-immobbli (garages) li ntużaw għall-kultivazzjoni tal-kannabis jibqgħu konfiskati; u 3. Tħassar u tirrevoka dik il-parti fejn ordnat illi l-ispejjeż jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-Partijiet, u minflok tordna illi l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut il-Kummissarju tal-Pulizija"*;

9. Il-konvenuti wieġbu għall-appell tal-attur billi filwaqt li rrimettew ruħhom dwar l-aggravju relatat mal-ordni tal-konfiska *viz* il-garaxxijiet; talbu lill-Qorti sabiex tiċħad l-appell safejn għandu x'jaqsam mal-ilment dwar il-kap tal-ispejjeż. L-istess konvenuti pprevalew ruħhom ukoll mill-appell tal-attur billi mal-istess risposta ppreżentaw appell inċidentali, li għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija, talbu lil din il-Qorti sabiex: *"Tirrevoka d-digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ta' nhar is-26 ta' Ġunju 2017 fil-kawża fl-ismijiet premessi, u tirriforma s-sentenza datata 26 ta' Ġunju 2018, billi tikkonfermaha fejn il-Qorti ordnat ir-revoka tal-konfiska tal-propjetà tar-rikorrent magħmula bis-saħħa ta' sentenza datata 24 ta' Frar tas-sena 2016 fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Steven Micallef, u tħassarha fejn ordnat ir-rilaxx tal-vetturi mertu tad-digriet tas-26 ta' Ġunju 2017, u ċioè il-vetturi Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni IBE289, Kia Ceres bin-numru ta' reġistrazzjoni DAH478, Toyata Hiace bin-numru tar-reġistrazzjoni IBG953 u Ford Anglia bin-numri ta' reġistrazzjoni A4154."*;

10. Għalkemm l-attur laqa' n-notifika tal-appell inċidentali waqt is-seduta tad-9 ta' Ġunju, 2022, u kellu kemm l-opportunità li jwieġeb bil-miktub, kif ukoll li jagħmel is-sottomissjonijiet bil-fomm, l-attur baqa' ma ppreżenta l-ebda risposta bil-miktub għal dak l-appell. Barra minn hekk, billi fl-aħħar seduta li nżammet fit-13 ta' Ottubru, 2022, l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhom xejn xi jżidu mal-atti, il-konvenut lanqas ma wieġeb bil-fomm għall-istess appell inċidentali;

11. Osservat dan kollu, din il-Qorti sejra tgħaddi biex titratta kemm l-aggravji tal-attur kif ukoll tal-konvenuti u dan fl-istess sekwenza li ġew imqajma fir-rikors tal-appell tas-16 ta' Lulju, 2018, u fl-appell inċidentali tas-7 ta' Awwissu, 2018, rispettivament;

***Kunsiderazzjonijiet***

12. L-**<u>ewwel aggravju</u>** tal-attur huwa dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-konfiska tal-garaxxijiet li ntużaw għall-kultivazzjoni tal-kannabis. Dwar dan, l-attur jibda biex jargumenta li fil-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti, huwa qatt ma semma jew talab li xi garaxx jiġi rilaxxat favurih. Jargumenta li l-Qorti hija strettament marbuta mat-talbiet u f'dan il-każ il-Qorti ma setgħetx tordna il-konfiska tal-garaxx, li lanqas biss talab ir-rilaxx tiegħu. Filwaqt li jagħmel referenza lejn xi ġurisprudenza dwar il-vizzju tal-*ultra petita,* l-attur jargumenta li l-Ewwel

Qorti mhux biss ma setgħetx tmur oltre minn dak li talab, iżda wkoll ma setgħetx taqbad u tikkonfiska post li lanqas biss m'hu tiegħu u kkonfiskat mill-Qorti Kriminali;

13. Barra minn hekk, l-attur jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti, partikularment tal-kompendju tal-assi tiegħu li kien ġie kostruwit fil-proċeduri kriminali mill-Avukat Vincent Galea. F'dan ir-rigward, l-attur jgħid li mit-tali kompendju, ma jirriżultax li huwa sid ta' xi garaxx. Jargumenta li l-konfiska hija relatata mal-kompendju tal-assi tal-ħati u ġialadarba mill-istess kompendju ma jirriżultax li kien hemm garaxx imniżżel bħala propjetà tiegħu, il-Qorti ma setgħetx tiddeċiedi bil-mod ta' kif iddeċidiet;

14. L-attur jargumenta wkoll, li fid-deċiżjoni tagħha, l-Qorti Kriminali kienet speċifika ħafna f'dak li kellu jiġi konfiskat, u filwaqt li semmiet l-"*oġġetti*" relatati mal-kultivazzjoni tad-droga, speċifikat li l-"*mobbli*" u l-"*immobbli*" tal-ħati kellhom jiġu konfiskati. Iżid li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tikkonkludi u tiddeċiedi li l-"*oġġetti relatati mal-kultivazzjoni tad-droga*" huma anke l-"*immobbli*", u dan għaliex fejn il-Qorti Kriminali riedet tagħmilha ċara li kienet qed tikkonfiska l-immobbli, dan għamlitu. Jagħlaq imbagħad billi jgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħatx taqbad u tikkonfiska propjetà li hi ta' terz u li ma' tirriżultax mill-atti proċesswali;

15. Il-konvenuti m'opponewx għal dan l-aggravju u filwaqt li rrimettew ruħhom għall-ġudizzju ta' din il-Qorti dwar dan l-aggravju, komplew jixħtu aktar dawl dwar il-kwistjoni marbuta mal-garaxxijiet;

16. Fost l-oħrajn, il-konvenuti spjegaw li l-garaxx imsemmi fir-relazzjoni ta' Dr. Vincent Galea kien ġiet trasferit mill-attur lil ċertu Raymond Calleja u dan b'att notarili tat-3 ta' Ġunju tas-sena 2002. Jgħidu wkoll li waqt il-proċeduri kriminali, in-Nutar Carmen Martinelli kienet ppreżentat nota bl-atti pubbliċi li jikkonfermaw dan,[4] u minħabba f'hekk il-garaxx ma kienx ġie kkonfiskat bl-ordni ta' konfiska wara s-sentenza finali tal-Qorti Kriminali;

17. Fir-rigward tal-garaxx konness mar-reat tal-kultivazzjoni tal-kannabis, u ċioè il-garaxx bin-numru 8 fi Triq il-Ġdida fi Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, il-konvenuti jgħidu li dak il-garaxx mhuwiex tal-attur, u fil-fatt lanqas ma jissemma fir-relazzjoni tal-avukat Dr. Vincent Galea. Barra minn hekk, jgħidu li skont l-ispettur Raymond Cassar, dan il-garaxx kien issekwestrat tul l-indaġni iżda qatt ma kien ulterjorment ikkonfiskat tul il-kumpilazzjoni tal-provi jew eventwalment wara s-sentenza finali tal-Qorti Kriminali;

---

[4] Fol. 549, Vol. VI, tal-proċess kriminali.

18. Fid-dawl ta' dak spjegat minnhom, il-konvenuti jgħidu li ma jidhirx li kien hemm garaxxijiet milquta bl-ordni tal-konfiska mill-Qorti Kriminali, u b'hekk loġikament ma hemmx garaxxijiet x'jibqgħu konfiskati. Jargumentaw li hija biss il-Qorti Kriminali li għandha s-setgha li tordna l-konfiska, u b'hekk ħwejjeġ li ma jkunux ġew ikkonfiskati mill-Qorti Kriminali ma jistgħux jiġu konfiskati b'din l-azzjoni ċivili. Jagħlqu billi jgħidu li x'aktarx l-Ewwel Qorti kienet taħt l-impressjoni żbaljata li l-garaxxijiet kienu milquta bl-ordni tal-konfiska u li l-attur seta' għamilha aktar faċli lill-Ewwel Qorti billi jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet, ħaġa li m'għamilx u dan minkejja li talab hu stess li jagħmel hekk;

19. Meqjusa l-argumenti tal-partijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant għandu tassew raġun meta jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi safejn għandu x'jaqsam mal-garaxxjiet;

20. Wara li fliet il-kompendju tal-assi li ġie mħejji fil-proċeduri kriminali mill-avukat Vincent Galea, u li kopja tiegħu ġiet esebita fl-atti ta' dawn il-proċeduri minn John Seychell Navarro waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru, 2017,[5] din il-Qorti taqbel mal-appellant li mit-tali kompendju ma jirriżultax li huwa sid ta' xi garaxx; - u dan b'kuntrarju ta' dak li fehmet l-Ewwel Qorti;

---

[5] Dok. JSN1 fol. 421 *et seq.*

21. Safejn għandu x'jaqsam mal-garaxx bin-numru 4 li jagħmel parti minn kumpless ta' garaxxijiet fi Triq il-Ġdida fi Triq il-Kandlora, Ħaż-Żebbuġ, u li kien ġie akkwistat mill-appellant u minn martu permezz ta' kuntratt magħmul fl-atti tan-nutar Carmen Martinelli fil-14 ta' Settembru, 2001,[6] din il-Qorti tosserva li dak il-garaxx kien ġie sussegwentement trasferit lil Raymond u Adelide Calleja permezz ta' kuntratt pubbliku magħmul fit-3 ta' Ġunju, 2002.[7] Jista' jkun il-każ li l-Ewwel Qorti setgħet possibbilment ġiet żvijata b'*laspsus* minn naħa tal-assistent direttur tal-*Capital Transfer Duty* (Dok. SM 125, fol. 630), li f'ittra datata 29 ta' Awwissu, 2007, huwa kien wieġeb lil Dr. Vince Galea, li bl-att pubbliku tat-3 ta' Ġunju, 2002, Steven Micallef kien partat ma' Raymond u Adelide Calleja, l-garaxx bin-numru 4 mal-garaxx bin-numru 5. Dan però ma kienx il-każ, għaliex mill-kopja tan-nota tal-insinwa relattiva mal-kuntratt tat-3 ta' Ġunju, 2002,[8] jirriżulta ċar biżżejjed għal din il-Qorti li f'dak il-kuntratt, il-garaxx bin-numru 5 kien sempliċiment qiegħed jiġi msemmi sabiex tiġi deskritta l-pożizzjoni eżatta tal-garaxx bin-numru 4. Barra minn hekk, mit-tali nota jirriżulta wkoll li t-tpartit kien qed issir ma oġġetti mobbli u mhux ma mmobbli, *ossia* l-garaxx bin-numru 5;

22. Dwar iż-żewġ garaxxijiet interkonnessi u magħrufa bħala '*Protectol Garage'* li jagħtu għal Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, u li jissemmew f'żewġ

[6] Kopja tan-nota tal-insinwa ta' dan il-kuntratt tinsab a fol. 565.
[7] Kopja tan-nota tal-insinwa relattiva ma' dan il-kuntratt tinsab a fol. 566.
[8] Id.

ipoteki bin-numri progressivi 12170[9] u 17627[10], favur il-BOV, għall-valur ta' LM 10,000 u LM 12,000 rispettivament; din il-Qorti tinnota li dawk il-garaxxijiet lanqas ma huma propjetà tal-appellant, iżda huma propjetà ta' ċertu Giovanna u Lawrence Zammit li qagħdu garanti u assumew responsabbilità solidali flimkien mal-appellant u ma' martu għal faċilità li ħadu mill-BOV;

23. Fl-aħħar nett, u dwar il-garaxx li fih instabu l-pjanti tal-kannabis, u li jġib in-numru 8 fi Triq il-Ġdida fi Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ; din il-Qorti taqbel ukoll mal-appellant li tali garaxx ma jirriżulta mkien fil-kompendju tal-assi magħmul mill-avukat Vincent Galea. Barra minn hekk, il-Qorti lanqas ma tista' tiskarta l-fatt li, fil-każ tal-lum, il-konvenuti stess qed jgħidu li dak il-garaxx qatt ma kien ulterjurment ikkonfiskat lanqas wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali;

24. B'żieda ma' dan, din il-Qorti taqbel ukoll mas-sottomissjoni tal-konvenuti li ġialadarba jidher li ma kienx hemm garaxxijiet milquta bl-ordni tal-konfiska tal-Qorti Kriminali, isegwi li m'hemmx garaxxijiet x'jibqgħu kkonfiskati u b'hekk din il-Qorti sejra tkun qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-attur u tvarja id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti f'dan is-sens;

---
[9] Kopja tan-nota tal-iskrizzjoni tinsab f' fol. 563.
[10] Kopja tan-nota tal-iskrizzjoni tainisab f'fol. 564.

25. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** l-attur imbagħad jilmenta mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż. Jgħid li ma kienx hemm għalfejn li l-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu nofs bin-nofs, u li l-ispejjeż kellhom jiġu mħallsa kollha mill-konvenuti;

26. Il-konvenuti ma qablux ma' dan l-aggravju u wieġbu li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija ekwa. Jgħidu wkoll li għad-dirittura l-Ewwel Qorti setgħet tordna li l-ispejjeż għandhom ikunu kollha fuq ir-rikorrent u dan għaliex il-proċeduri kienu konsegwenza tar-reat kriminali mwettaq minnu. F'dan ir-rigward jagħmlu referenza għas-sentenza fl-ismijiet ta' ***Angelo Fenech v. Il-Kummissarju tal-Pulizija***[11] u jispjegaw li f'dik is-sentenza għalkemm il-Qorti kienet laqgħet it-talbiet tal-konvenut u ordnat ir-rilaxx tal-oġġetti konfiskati, l-istess Qorti kienet ordnat li l-ispejjeż kollha tal-kawża kellhom jiġu mħallsa mill-attur;

27. Ikkunsidrati l-argumenti taż-żewġ naħat, din il-Qorti tqis li t-tieni aggravju tal-attur huwa manifestament infondat. Apparti r-raġunijiet siewja li ġew mogħtija mill-konvenuti; l-appellant bħal donnu qed jinsa li l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u dan billi illiberat lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju. Kif qalet tajjeb l-Ewwel Qorti, l-Artikolu 22Ċ(5) tal-Kap. 101 jagħmilha ċara biżżejjed li huwa l-Kummissarju tal-Pulizija li jrid iwieġeb għal azzjonijiet bħal dik li beda l-

[11] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' April 2013 (Rik. 518/2012).

attur, u b'hekk la l-Kummissarju tal-Pulizija u wisq inqas l-Avukat Ġenerali m'għandu jbati l-konsegwenzi tad-deċiżjoni ħażina tal-appellant;

28. Barra minn hekk, jiġi wkoll osservat li l-appellant mhux talli m'appellax mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-ħelsien tal-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju, iżda talli saħansitra l-istess appellant talab lil din il-Qorti sabiex "*[t]ikkonferma dik il-parti tal-istess sentenza fejn ...illiberat lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju*". F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-appellant kien għalhekk ukoll tellief fuq punt tal-kawża, u għaldaqstant fuq is-saħħa ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 223(2) tal-Kap. 12, l-Ewwel Qorti kienet legalment mogħnija bid-diskrezzjoni li tiddeċiedi l-kap tal-ispejjeż bil-mod ta' kif iddeċidietu. Minħabba f'hekk, din il-Qorti ma tarax li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-kap tal-ispejjeż (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Peter Paul Lanzon et. v. L-Avukat tal-Istat et.***, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ottubru, 2021);[12]

29. Trattati l-aggravji tal-appellant, jifdal biss li jiġi deċiż l-aggravju li ġie mqajjem fl-appell inċidentali;

---

[12] App. Ċiv. Nru. 112/18/1GM.

30. Fl-**<u>appell inċidentali</u>**, il-konvenuti qegħdin jilmentaw mid-digriet tal-Ewwel Qorti mogħti fis-26 ta' Ġunju, 2017[13] u li permezz tiegħu, fuq talba tal-attur, l-Ewwel Qorti ordnat li jiġi emendat ir-rikors promotur biex wara paragrafu 9 jiġi miżjud paragrafu ieħor li jaqra hekk: *"illi l-esponenti kellu wkoll Fiat Punto numru ta' registrazzjoni IBE 289, Kia Ceres numru ta' registrazzjoni DAH 478, Toyota Hiace numru ta' registrazzjoni IBG 953 u Ford Anglia, u l-esponenti qieghed f'pozizzjoni li jipprova li dawn il-vetturi mhux rizultat ta' flus provenjenti minn xi reat taht l-istess ordinanza"*;

31. Il-konvenuti jispjegaw li ma jaqblux mal-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti f'dan id-digriet għaliex, it-talba tal-appellant kienet *fuori termine*. Jargumentaw li skont l-Artikolu 22Ċ tal-Kap. 101, ir-rikorrent għandu żmien perentorju ta' tliet xhur mid-data tas-sentenza li fiha tiġi ordnata l-konfiska, biex jehmeż id-dokumenti kollha li jkun jista' jipproduċi flimkien mal-ismijiet tax-xhieda. Jgħidu li dan il-punt huwa wieħed proċedurali u b'hekk ta' ordni pubbliku, u li minħabba f'hekk l-Ewwel Qorti kellha tiċħad ir-rikors tal-attur li ġie mressaq fit-8 ta' Ġunju, 2017 u dan peress li s-sentenza tal-Qorti Kriminali ġiet deċiża fil-24 ta' Frar, 2016. Jgħidu wkoll li meta ġie biex jagħmel il-kawża, l-attur seta' faċilment jivverifika x'kienu l-assi soġġetti għall-konfiska u għalhekk l-attur ma seta' jkollu l-ebda skuża għax ma nkludiex il-vetturi fi-rikors promotur. Il-

[13] Fol. 404.

konvenuti mbagħad jagħlqu billi jgħidu li ġialadarba d-digriet tas-26 ta' Ġunju għandu jkun revokat, is-sentenza finali għanda tiġi riformata fis-sens li l-vetturi Fiat Punto (IBE289), Kia Ceres (DAH478), Toyota Hiace (IBG953) u Ford Anglia (A4154), m'għandhomx jiġu rilaxxati;

32. Għalkemm l-attur ma wieġeb xejn għall-appell inċidentali tal-konvenuti, u dan minkejja li kellu kull interess li jagħmel hekk, din il-Qorti xorta waħda ma tqisx li l-aggravju tal-konvenuti, huwa wieħed fondat. Għalkemm huwa minnu li, oriġinarjament, fir-rikors maħluf li tressaq fil-15 ta' April, 2016, l-attur ma kien niżżel l-ebda premessa dwar il-vetturi mertu tal-appell inċidentali, jibqa' xorta waħda l-fatt li sa mill-15 ta' April, 2016, it-talba finali tar-rikors promotur kienet biex il-Qorti *"jogħġobha ai termini tal-artikolu 22Ċ u 22D tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta'* ***<u>Malta tirrevoka l-ordni tal-konfiska tal-propjetà kollha tiegħu, kemm mobbli kif ukoll immobbli</u>, magħmula bis-saħħa ta' sentenza datata 24 ta' Frar tas-sena 2016, fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Steven Micallef".*** Fil-fehma tal-Qorti, ladarba l-vetturi kienu jappartjenu lill-attur u t-tali mobbli kienu soġġetti għall-ordni tal-konfiska, allura it-talba tal-attur kienet wiesgħa biżżejjed biex tinkludi wkoll dawk il-vetturi. Għaldaqstant, peress li l-azzjoni tal-attur ġiet mibdija fit-terminu stipulat bil-liġi, allura jsegwi li l-ilmenti tal-konvenuti mhumiex siewja u b'hekk l-appell inċidentali qiegħed jiġi miċħud;

***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-appell inċidentali, tilqa' parzjalment l-appell tal-attur u għalhekk filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata tas-26 ta' Ġunju, 2018, safejn illiberat lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-Ġudizzju u ordnat li l-ispejjeż ta' dawk il-proċeduri jiġu maqsuma bin-nofs bejn il-partijiet; tirriformaha billi tvarja s-sentenza appellata u tħassar dik il-parti li taqra "hlief ghall-immobbli (garages) li ntuzaw ghall-koltivazzjoni tal-kannabis li se jibqghu ikkonfiskati" u tikkonferma s-sentenza appellata għall-kumplament.

L-ispejjeż marbuta mal-appell tal-attur għandhom jiġu maqsuma nofs bin-nofs bejn l-attur u l-Kummissarju tal-Pulizija, filwaqt li l-ispejjeż marbuta mal-appell inċidentali għandhom jitħallsu fis-sħiħ tagħhom mill-konvenuti. Il-bqija tal-ispejjeż jibqgħu hekk kif deċiżi mill-Ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da